MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2007

Rikors Numru. 57/2006

**Philip Bugeja Viani**

**vs**

**Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikorsipprezentat fit-8 ta` Novembru, 2006, li in forza tieghu r-rikorrent, wara li ppremetta illi:

L-esponent huwa iben John Bugeja u l-mejta Helen sive Liliaina Bugeja nee` Falzon Sant Manduca.

Il-mejta Helen sive Lilianina Bugeja kellha t-titolu nobbiljari ta` Barunessa ta` Tabrija.

Hija mietet fit-13 ta` Marzu, 2000 fl-eta` ta` sittin sena.

Wara l-mewt taghha, binha r-rikorrent Philip Bugeja Viani ressaq talba lill-Kumitat tal-Privileggi tan-Nobbilita` ta` Malta sabiex huwa jigi rikonoxxut bhala s-successur ta` ommu fit-titolu nobbiljari ta` Baruni ta` Tabrija.

Il-Kumitat tal-Privileggi tan-Nobbilita` ta` Malta hatar sotto-kumitat sabiex jirrelata dwar il-pretensjonijiet ghat-titolu vakanti ta` Baruni ta` Tabrija, liema sotto-kumitat ghadda r-rakkomandazzjonijiet tieghu lill-Kumitat tal-Privileggi fil-25 ta` Lulju, 2005.

Il-hidma tas-sotto-kumitat twalet ghaliex, kif gie ddikjarat mill-imsemmi sotto-kumitat, stenna l-ezitu tal-kawza fl-ismijiet **CorinNe Ramsay et vs John Bugeja et** (Citazzjoni Nru. 1722/01) pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti Civili Prim`Awla, u din giet deciza b`sentenza tat-30 ta` Jannar, 2004, li biha ntlaqghet l-ewwel eccezzjoni preliminari dwar nuqqas ta` gurisdizzjoni in vista ta` l-artikolu 29 tal-Kap. 251 tal-Ligijiet ta` Malta illi fis-subinciz (4) jipprovdi illi ebda ufficjal jew awtorita` pubblika f`Malta ma tista` tirrikonoxxi bl-ebda mod xi titolu ta` nobbilta`.

B`ittra datata 25 ta` Lulju, 2005 stess, il-Kumitat tal-Privileggi baghat jinforma lir-rikorrent illi t-talba tieghu biex jigi rikonoxxut bhala s-successur ta` ommu fit-titolu ta` Baruni ta` Tabrija ma gietx milqugha. Minflok, skond ma gie rrakkomandat mis-sotto-kumitat hawn fuq imsemmi, Corinne Ramsay Scicluna giet rikonoxxuta mill-Kumitat tal-Privileggi bhala Barunessa ta` Tabrija.

Ir-rikorrent ma jaqbilx ma` din id-decizjoni u jrid jimpunja gudizzjarjament kemm ir-rakkomandazzjonijiet maghmula mis-sotto-kumitat kif ukoll id-decizjoni mehuda mill-Kumitat tal-Privileggi.

Fil-passat dan l-istharrig gudizzjarju seta` jsir (ara per ezempju s-sentenza fl-ismijiet **Nobile Giuseppe dei Marchesi De Piro vs. Monsignor Don Salvatore Grech Delicata** moghtija fis-7 ta` Jannar, 1885 mill-*Corte d`Appello di Sua Maesta`, Aula Civile* u s-sentenza fl-

ismijiet **Nobile Salvatore dei Baroni Sceberras Trigona Testaferrata Falzon Dorell vs. Baronessa Francesca vedova del Barone Alessandro Sceberras D`Amico ed altre** moghtija fit-3 ta` Awissu, 1885 mill-istess Qorti).

Minhabba li l-legislazzjoni ta` Malta, senjatament l-artikolu 29 tal-Kap. 251 tal-Ligijiet ta` Malta, tipprekludi lill-Qrati milli jittrattaw u jiddeciedu kawzi dwar tilwima jew kontestazzjoni li jkollha x`taqsam mar-rikonoxximent ta` xi titolu nobbiljari, ir-rikorrent qed jigi prekluz u impedut milli jippromuovi azzjoni ta` stharrig gudizzjarju u milli jikseb rimedju jew rimedji fil-Qrati tal-pajjiz.

Dan jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt fondamentali ggarantit bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta) bhala dritt ghal access ghal Qrati (*right to a court*), kif ukoll vjolazzjoni tad-dritt ghal rimedju effettiv ggarantit bl-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta).

Minhabba din il-lacuna, l-Istat qed jimpedixxi lir-rikorrent milli jadixxi lill-Qrati ta` Malta ghal determinazzjoni tad-drittijiet u obbligi civili – f`dan il-kaz, ir-risoluzzjoni ta` tilwim jew kontestazzjoni dwar rikonoxximent ta` titolu nobbiljari.

F`socjeta` demokratika, l-Istat ghandu *a positive obligation* li jipprovdi mekkanizmu sabiex tkun tista` tigi determinata fil-Qrati tal-pajjiz kontestazzjoni bhal dik odjerna. Minflok, l-Istat qed jimpedixxi lill-Qrati milli jittrattaw u jiddeciedu kawzi jew kontestazzjonijiet relatati mar-rikonoxximent ta` xi titolu nobbiljari.

*Inoltre,* ir-rikorrent qed jigi mfixkel fit-tgawdija tal-*'possediment'*, cioe` dan it-titolu nobbiljari, minhabba li huwa ma jistax jikseb gharfien dwaru ufficjalment. Ghalhekk, fil-konfront tar-rikorrent qed jigi vvjolat ukoll l-Artikolu 1 ta` l-Ewwel Protokoll tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta li jirrigwarda l-harsien tad-dritt ghat-tgawdija tal-proprjeta`.

Talbu lill-esponent Philip Bugeja Viani jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

(1) tiddikjara li l-Artikolu 29 (4) tal-Kap. 251 tal-Ligijiet ta` Malta jilledi d-dritt tar-rikorrent ghal access ghall-qrati (*right to a court*) iggarantit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta) kif ukoll id-dritt ghal rimedju effettiv iggarantit mill-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea;

(2) tiddikjara illi r-rikorrent ghandu dritt jadixxi lill-Qrati ta` Malta dwar id-determinazzjoni tad-drittijiet u obbligi civili tieghu f`materja ta` rikonoxximent ta` xi titolu nobbiljari;

(3) tiddikjara inoltre illi r-rikorrent qed jigi mfixkel fit-tgawdija ta` dan il-possediment bi vjolazzjoni ta` l-Artikolu 1 ta` l-Ewwel Protokoll tal-Kap. 319;

(4) tordna l-hlas ta` kumpens xieraq lir-rikorrent ghall-ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu. Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-intimat li in forza taghha eccepixxa illi:

**In linea preliminari** n-nullita` tar-rikors promoter stante li qed isir mir-rikorrent b`kunjom li ma jappartjenix lilu skond il-ligi u dan peress li kif dikjarat minnu stess fl-ewwel paragrafu tal-istess rikors kunjom il-genituri tieghu kien *“Bugeja”* u mhux *“Bugeja Viani”*.

**In linea preliminari** l-inapplikabilita` tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem stante li huwa pacifiku illi l-*‘possedimenti’* imsemmija f`dan l-Artikolu huma dawk il-hwejjeg rikonoxxuti bhala possedimenti (cioe` bhala proprjeta`) mill-ligi domestika tal-pajjiz. Illi la darba t-titoli nobbiljari mhux talli mhumiex rikonoxxuti bhala possedimenti izda talli l-Att tal-1975 dwar Gieh ir-Repubblika fl-Artikoli 28 u 29 tieghu jipprojbixxi r-rikonoxximent taghhom (ukoll peress illi huma inkompatibbli mal-principji bazici ta` *‘Repubblika bazata fuq ix-xoghol’*), dawk it-titoli jaqghu kompletament barra l-ambitu tal-imsemmi Artikolu.

**In linea preliminari** l-inapplikabilita` tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni stante li d-dritt illi wiehed jaccedi ghall-Qorti fit-termini ta` dan l-Artikolu huwa garantit biss f`dak li jirrigwarda *'d-determinazzjoni ta` drittijiet jew obbligi civili'* u la darba t-titolu reklamat mir-rikorrent mhux talli ma jikkostitwix *'dritt civili'* izda talli anke l-uzu tieghu f`dokumenti intizi ghal awtorita` pubblika huwa espressament projbit b`ligi, l-imsemmi Artikolu 6 ma japplikax ghall-fatti tal-kaz odjern.

**In linea preliminari** l-inapplikabilita` tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni in kwantu mhux talli m`hemm ebda vjolazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea talli fid-dawl tas-suespost ebda Artikolu tal-Konvenzjoni citat mir-rikorrent mhu applikabbli ghal dan il-kaz.

**Ukoll in linea preliminari** u bla pregudizzju ghas-suespost fil-kaz illi dina l-Onorabbli Qorti tichad l-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-esponent u tiddeciedi illi l-Artikoli tal-Konvenzjoni citati mir-rikorrent huma applikabbli, r-rikorrent ikun irid jipprova l-interess guridiku tieghu biex jesperixxi din l-azzjoni u cioe` li jgib prova li ghandu pretensjoni valida ghat-titolu nobbiljari minnu reklamat.

**Fil-mertu** u bla pregudizzju ghas-suespost l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet segwenti:

'L hekk imsejjah *"Kumitat tal-Privileggi tan-Nobbilta` ta` Malta"* u/jew sottokomitat tieghu ma hux istituzzjoni li ghandha xi funzjoni legali izda huwa biss ghaqda privata u ghalhekk d-decizjonijiet ta` l-istess ghaqda, jew ghaqda simili, m`ghandhom l-ebda rilevanza legali jew ufficjali u jirrapprezentaw biss l-opinjoni tal-membri taghha. Ghal kull fini jinghad li storikament kien hemm korp kostitwit b`dak l-isem fiz-zmien qabel l-1975, izda bir-rispett kollu, l-fatt li mera ghaqda ggib l-istess isem ma jaghtihiex xi poteri gudizzjarji.

Isegwi ghalhekk li mhux rilevanti d-decizjoni ta` l-ghaqda imsemmija dwar lil min *"tirrikonoxxi"* hi bhala Baruni, Markiz jew Konti, u ghalhekk ma hemmx lok ghal

impunjazzjoni tal-opinjoni privata li biha qed jilmenta r-rikorrent. Anki jekk ghall-grazzja ta` l-argument, tali ghaqda kellha tkun rikonnoxxuta mill-ligi (li ma hix), id-dmir impost fuq kull membru taghha, kien ikun li ma jaghmel xejn li jista` jfisser rikonnoxximent ta` titolu nobbiljarju. Ghalhekk, dak li r-rikorrent isejjah *"decizjoni"* hija biss opinjoni privata u kieku kellha titqies bhala xi haga aktar minn hekk tkun fiha nnifisha nulla *ab initio* billi maghmula kontra l-ligi.

Fid-dawl tas-suespost it-talbiet kollha tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li r-rikorrent ressaq talba lill-Kumitat tal-Privileggi tan-Nobbilita` ta` Malta sabiex huwa jigi rikonoxxut bhala s-successur ta` ommu fit-titolu nobbiljari ta` Baruni ta` Tabrija. Din it-talba giet michuda, u r-rikorrent xtaq jitlob li din id-decizjoni tkun soggetta ghal stharrig gudizzjarju, izda qed jissottometti li hu prekluz milli jaghmel dan minhabba legislazzjoni Maltija, u senjament l-artikolu 29(4) tal-Att dwar Gieh ir-Repubblika (Kap. 251 tal-Ligijiet ta` Malta). Hu qed jallega li dan jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu garantiti bl-artikolu 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta), u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll.

Kif taraha din il-Qorti, r-rikorrenti qed jissottometti li hu m`ghandux *"right to a court"*, meta, sa certu punt, ma jirrizultax li fil-fatt m`ghandux dan id-dritt. L-artikolu 29(4) tal-Kap. 251 jipprovdi illi:

*"(4) Huwa d-dmir ta` kull ufficjal pubbliku jew awtorita` pubblika, u ta` kull korp imwaqqaf jew rikonoxxut mil-ligi u ta` kull imsieheb mieghu, li ma jirrikonoxxi b`ebda mod, u li ma jaghmel xejn li jista` jfisser rikonoxximent ta`, xi titolu ta` nobbilita` jew xi unur, ghotja, dekorazzjoni, shubija jew kariga li ma humiex rikonoxxuti skond id-disposizzjonijiet ta` hawn fuq ta` dan l-artikolu"*.

Kif jghid l-intimat fir-risposta tieghu, dan ifisser illi l-uzu tat-titolu vantat mir-rikorrent huwa espressament projbit bil-ligi *"f`dokumenti intizi ghal awtorita` pubblika"*, u ebda ufficcjal jew organu pubbliku ma jista` *"jirrikonoxxi"* tali titolu, pero`, dan ma jfissirx li tali titolu ma jistax jintuza fuq dokumenti jew f`avvenimenti mhux ufficcjali. L-artikolu 28 tal-istess Att jghid li t-titolu ta` nobbilita` *"m`humiex rikonoxxuti"*, pero`, ma jghidx li ma jezistux jew li gew mhassra. L-Att dwar Gieh ir-Repubblika ma kellux l-iskop li jikkancella dawk it-titoli ta` nobbilita`, izda biss biex jnehhi kull rikonoxximent ufficcjali tal-istess titoli. Ma hemm xejn x`jzomm persuna li tkompli tuza it-titoli ta` nobbilita` li dgawdi f`ambjenti socjali, kulturali u ohrajn li m`humiex ufficcjali, fis-sens ta` organizzati jew sponsorjati minn xi organu tal-istat. Darba hu hekk, ma hemm xejn xi jzomm membri li jippossjedu titoli ta` nobbilta` li joholqu Kumitat biex jirregola s-successjoni ta` dawk it-titoli. Jidher, fil-fatt, li dan il-kumitat ilu zmien mahluq, u ma jidhirx li l-funzjoni tieghu huwa kontra l-ligi. Mhux projbit li grupp ta` nies b`ghan simili joholqu ghaqda jew kumitat biex jirregola dan l-ghan taghhom, u sakemm l-iskop ta` dik l-ghaqda ma jkunx kontra l-ligi, l-ordni pubbliku jew l-morali, m`hemm xejn kontra l-holqien ta` dik l-ghaqda.

F`dan il-kaz, il-kumitat tal-Privileggi tan-Nobbilita` ta` Malta ma jidhirx li qed imur kontra l-ligi jew l-ordni pubbliku. Hi ligi li t-titoli ta` nobbilita` ma humiex legalment jew ufficcjalment rikonoxxuti, pero`, ma hemm xejn hazin li dawk li jippretendu li ghandhom xi titolu ta` nobbilita` li, anke fil-limiti tal-interessi taghhom, jirregolaw min ghandu jedd igorr titolu partikoli flok haddiehor. Darba, pero`, li jaghmlu dan, il-kumitat ta` dik l-ghaqda ghandha obbligu mhux biss li tagixxi fit-terminu u skond l-

istatut tal-ghaqda, izda li ssegwi l-principji ta` gustizzja naturali fid-deliberazzjoni taghha.

Fil-fehma ta` din il-Qorti, kull membru ta` ghaqda li jkollha struttura u statut formali ghandu dritt li jkun trattat *“fairly”* mill-istess ghaqda, u dan ifisser li, fil-konfront tieghu, ghandhom jigu segwiti l-principji ta` gustizzja natuali. Jekk membru jallega li dan ma garax, ghandu dritt ghar-rikors lil dawn il-Qrati, biex dawn, minghajr ma jindahlu fl-affarijiet privati ta` dik l-ghaqda, jaraw li l-affarijiet isiru *“fairly”.*

Il-gurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji ta` *“review”* mhux limitat ghall-agir tal-amministrazzjoni ufficcjali, izda hija intiza wkoll biex tara li l-kuntratti li jsiru bejn il-partijiet jigu ezegwiti in bona fede u *“fairly”*.  Jekk grupp ta` nies joholqu ghaqda b`regoli appoziti u b`kumitat li jahseb biex jirregola min jista` jifforma parti minn dik l-ghaqda u min le, dawn il-Qrati ghandhom funzjoni li jaraw li dawk ir-regoli jigu rispettati u li l-kumitat hekk maghluq jagixxi b`mod *“fair”,* u partikolarment li jsegwi l-principji ta` gustizzja naturali.  Meta Qorti tkun hekk qed tagixxi, tkun qed tezercita l-funzjoni taghha li tara li l-kuntratti jigu ezegwiti b`mod ekwu u ghal dak li jipprovdu (art. 993 tal-Kodici Civili) u bl-ebda mod ma tkun qed *“tirrikonoxxi”* ufficcjalment l-istatus tal-membru ta` dik l-ghaqda.  L-iskop ta` *“judicial review”* mhux dak biex il-Qorti taghti xi timbru ta` ufficcjalita` ghad-decizjoni impunjata, izda biex tara li, biex ittiehdet dik id-decizjoni, gew segwiti regoli ta` principji naturali inerenti f`kull process.  Jekk decizjoni hijiex ta` natura ufficcjali, amministrattiva jew le, jiddependi mill-organu li jaghtiha u mil-ligijiet tal-pajjiz, pero`, hi x`inhi n-natura ta` dak id-decizjoni, kull persuna li ghandha interess ghandha dritt tesigi li l-process ikun wiehed *“fair”*.

Issa hu veru li biex ikun hemm *“judicial review”* min jezercita l-azzjoni, irid juri interess guridiku fil-prosegwiment ta’ dik il-kawza, liema interess irid ikun jezisti fil-bidu tal-kawza u *jipperdura* tul is-smiegh tal-kawza.  (“Laferla vs Lauri” deciza minn din il-Qorti fit-2 ta’ Mejju, 2002).  Kif qalet l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-

kawza "Goggi vs Mifsud', deciza fil-11 ta' April, 1930, ghalkemm il-kodici taghna m'ghandux provediment li jittrata l-htiega ta' interess, din il-htiega tista' tigi desunta mill-*artikolu* 236, li jitkellem fuq dritt ta' appell *"minn kull min ikollu interess"*, u mill-*artikolu* 960, li jitkellem fuq l-intervent f'kawza *in statu et terminis,* fiz-zewg kazi, tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Kompliet tghid dik l-Onorabbli Qorti li *"Fu nondimeno sempre ritenuto nella patria gurisprudenza, malgrado il difetto di una precisa disposizione della legge in materia, e come corollario di (queste) due disposizione, che base e misura di ogni azione guidiziario e' l'interesse in chi la istituisce e in chi la contesta' perche' se l'interesse e una condizione sine qua non per il semplice intervento e per l'appello, e' tale con maggior ragione per poter iniziare un giudizio".*

F'dan il-kuntest, l-interess irid ikun guridiku fis-sens li dan l-interess irid ikun rikonoxxut bil-ligi u l-azzjoni trid tkun preordinata ghal l-otteniment ta' rimedju protett bil-ligi. Minhabba dan ir-rikwezit, gie deciz li rimedji li jwasslu biss ghall-otteniment ta' semplici dikjarazzjoni mhux permissibli. Fil-kawsa "Darmenia vs Borg Oliver noe", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-18 ta' Frar, 1966, intqal li *"fis-sistema aktarx segwit mill-Qrati taghna, ghad li m'humiex projbiti domandi diretti ghall-otteniment ta' semplici dikjarazzjoni li tista' tkun pre-ordinata ghal domanda ohra definitiva jew finali, avolja din ma tkunx dedotta, jehtieg illi l-Qorti tkun perswaza illi dak ir-rimedju l'iehor jista' jinghata; jekk ir-rimedju konsegwenzjali m'huwiex ottenibbli mill-Qorti, id-dikjarazzjoni ma tinghatax".* Hekk ukoll, fil-kawza "Edrichton Estates Ltd vs Munro Philips & Co Ltd", deciza minn din il-Qorti fit-2 ta' Ottubru, 2003, intqal li f'kaz ta' talbiet dikjaratorji, il-Qorti tista' tiehu konjizzjoni taghhom, *purche'* dawn ikunu pre-ordinati ghal domanda definitiva u finali, *anke* jekk din tkun ghada ma gietx dedotta f'gudizzju. (Ara wkoll "Grech vs Grech", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-11 ta' Jannar, 1989).

Minn naha l-ohra, intqal ukoll li, *"L-interess f'min jaghmel kawza m'hemmx bzonn li jkun patrimonjali, imma jista' jkun anki morali u astratt, purche' jkun ta' natura guridika,*

*jigifieri li jkun jikkorrispondi ghal lezjoni ta' dritt, u ghalhekk, hu bizzejjed, biex jirradika dak l-interess, anki semplici dritt onorifiku. Lanqas m'hu mehtieg li jkun hemm vjolazzjoni ta' dritt veru u propju, imma hu bizzejjed li l-ezistenza tad-dritt tkun minaccjata"* – "Axiaq vs Mizzi", deciza minn din il-Qorti fit-13 t'Ottubru, 1952 (Kollez. Vol. XXXVI.11.532). Il-Qorti, f'dik il-kawza, kompliet tisma' l-kawza li kienet intiza ghas-semplici interpretazzjoni ta' legat, u, ghalhemm, seta' jinghad li s-sentenza ma tkunx tista' tigi ezegwita, *"mhux koncepibli kif is-sentenza li taghti dik l-interpretazzjoni tista' tigi injorata".*

Interessanti wkoll illi d-decizjoni fil-kawza "Falzon Sant Manduca vs Weale", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-9 ta' Jannar, 1959, (Kollez. Vol XVIII.1.1), fejn inghad li l-interess m'hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku. Fil-kawza "Ganado vs Ezekuttiv tal-Partit Nazzjonalista", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-3 ta' Settembru, 1961, gie wkoll deciz li *"d-dritt tal-attur vjolat bir-rizoluzzjoni impunjata ghandu kontenut morali, u jidhol fil-kategorija tad-drittijiet soggettivi immaterjali – liema dritt l-attur ghandu b'din l-azzjoni l-interess li jigi affermata permezz tal-awtorita' gudizzjarja".*

F`dan il-kaz, il-procedura ta` *"review"* li tista` tigi intentata mir-rikorrent, tista` twassal ghar-revindikazzjoni tat-titolu ta` nobbilita` pretiz minnu, li ghad li jista` ma jkollux effett patrimonjali, jkollu zgur kontenut morali, imqarr fost il-membri l-ohra tal-ghaqda. Kif intqal id-*"drittijiet soggettivi immaterjali"* wkoll jistghu jigu affermati gudizzjarjament. Meta tkun qed taghmel ezami ta` din ix-xorta, il-Qorti ma tkunx qed jinteressha fid-decizjoni *ut sic*, u lanqas ghandha tindahal fl-apprezzament li l-ghaqda tkun ghamlet biex waslet ghal dik id-decizjoni, imma l-interess taghha hu biss biex tara li dak li jkun jigi trattat *"fairly"* minn shabu tal-ghaqda. Kull cittadin ghandu dritt ghal dan il-minimu ta` protezzjoni mill-organu gudizzjarju, jigifieri biex jara li r-regoli tal-istatut tal-ghaqda li jifforma parti fiha jigu segwiti u li, f`kull kaz, ma jigu qatt injorati l-principji ta` gustizzja naturali (ara, bhala rifless fuq dan, id-decizjoni ta` din il-Qorti, fil-kuntest tal-General Workers Union,

moghtija fit-3 ta` Awissu, 2006, wara rikors fl-ismijiet "Attard Sultana vs Zarb et").

Il-Qorti taghmilha cara li bil-procedura ta` *"review"*, il-Qorti ma tkunx u m`ghandhiex tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-ghaqda jew kumitat. Dan, pero`, ma jfissirx li l-gurisdizzjoni tal-Qrati ordinarja hija kompletament mxejna bil-fatt li d-diskrezzjoni trid tigi *esercitata* biss mill-*Bord.* Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Eden Leisure Group vs Borg D Anastasi", deciza fis-27 ta'Gunju, 2003, *"Illum hu car li l-Qorti Civili tista' tissindika l-operat ta' kwalsiasi Tribunal amministrattiv, l-ewwel nett biex tassigura li l-principi ta' gustizzja naturali huma osservati, u t-tieni, biex tassigura li ma kienx hemm xi enuncjazzjoni hazina jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-ligi, u dana minghajr ma tipprova b'xi mod tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik il-Bord".*

Hekk ukoll din il-Qorti, fil-kawza "Power Projects Ltd vs Agius", deciza fis-16 ta' Gunju, 2003, osservat li, fil-kuntest ta' decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali, dawk id-decizjonijiet huma sindakabbli jekk it-Tribunal jagixxi *ultra vires* is-setghat lilu moghti. It-Tribunal ghandu jassikura wkoll li ssir gustizzja skond il-*meriti* tas-sustanza tal-kaz, u dan bla hsara ghar-regoli tal-gustizzja naturali. Intqal ukoll, li l-Qorti m'ghandhomx gurisdizzjoni biex jirriezaminaw jew jirrevedu l-*meritu* tal-kontroversja li tkun giet deciza mit-Tribunal (ara wkoll "Falzon vs Grima", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-17 ta' Mejju, 1993).

F'dan il-kuntest, u fil-limiti esposti, din il-Qorti fil-kompetenza ordinarja taghha, ghandha gurisdizzjoni tissindika l-operat tal-Kumitat tal-Privileggi tan-Nobbilita` u dan *anke* fid-dawl tat-tendenza moderna li l-obbligu li jigu osservati l-principji ta' gustizzja naturali hu impost *"upon every one who decides anything"* – "Board of Education vs Rice", deciza mill-*House of Lords* tal-Ingilterra fl-1911, u rinforzata bid-decizjoni tal-istess *House of Lords* fil-kawza "Ridge vs Baldwin", moghtija fl-1964.

Din il-Qorti mhux qed tghid li titolu pretiz mir-rikorrent hu xi *"possediment"* li jimmerita protezzjoni; dan huwa l-boghod mill-hsieb tal-Qorti. Li qed tghid hu li d-dritt li jigi trattat *"fairly"* huwa dritt civili li ebda Qorti ma tista` ccahdu minnha. Id-dritt protett mhux it-titolu ta` nobbilita` in kwistjoni, izda d-dritt ta` *"review"* gudizzjarju tal-process li bih hu gie mcahhad milli jigi rikonoxxut, ancorche` mhux ufficcjalment, izda fost strati tas-socjeta` Maltija, bhala l-Baruni ta` Tabrija.

Dan biss hu d-dritt civili li jista` jivvanta r-rikorrent. Ma jistax jippretendi li l-istat jidhol biex jiddeciedi hu min hu baruni, konti jew grad ta` nobbilita` iehor. L-istat Malti ha decizjoni politika li Malta tkun Repubblika, u li, kwindi, titoli ta` nobbilita` (li huma derivanti minn monarkija) ma jkunux rikonoxxuti ufficcjalment f`Malta. Ir-rikorrent ma jistax, allura, jippretendi xi haga li l-istat, bhala principju, ma jirrikonoxxix. Ir-rikorrenti ma jistax jippretendi bhala dritt civili, dak li l-ligi ma taghtihx. Kif jinghad minn van Dijk and van Hoof, *"Theory and Practice of the European Convention on Human Rights"* (*Third Edition*, pagna 394).

*"Although for the determination of whether a right or obligation is at stake the domestic legal system concerned has to be taken as a starting point, the Strasbourg case-law has made it clear that, as part of the provision of the Convention, the words 'rights and obligations' have an autonomous meaning. Thus, the Commission held in the Kaplan Case:*

*These concepts [rights and obligations] are in themselves autonomous to some degree. Thus it is not decisive that a given privilege or interest which exists in a domestic legal system is not classified or described as a 'right' by that system. However in deciding whether it is a 'right' for the purpose of Article 6(1), account must be taken of its 'substantive content and effects', the object and purpose of the Convention and the national legal systems of other Contracting States.*

*If, according to this line of interpretation, a certain claim is considered to be a 'right', the Court's case-law requires*

*for the applicability of Article 6 that this right 'can be said, at least on arguable grounds, to be recognized under domestic law'. The words 'on arguable grounds' leave the Commission and Court sufficient ground to make an assessment independently of the arguments advanced by the defendant State on the issue. And the fact that the claim concerned was addressed as an issue in national proceedings constitutes sufficient ground for the 'arguability' of the existence of a right. On the other hand, if domestic law expressly excludes the claim concerned, the Court takes the position that 'to this extent' there can be no arguable right which would make Article 6 applicable"* (sottolinear ta` din il-Qorti).

Ghalkemm r-rikors hu ftit vag dwar x`tip ta` *"stharrig gudizzjarju"* qed jippretendi li jkollu r-rikorrent, hu car, fil-fehma tal-Qorti, li r-rikorrenti m`ghandux dritt jippretendi aktar minn dak li ntqal qabel f`din id-decizjoni. Titolu ta` Nobbilita` ut sic ma jistax jitqies bhala "possediment" ghall-fini tal-Konvenzjoni Ewropea. Wiehed ma jridx jinsa li l-Gvern, bl-Att dwar Gieh ir-Repubblika, la nehha dawk it-titoli u, aktar importanti, lanqas ma zvesta lill-pretiz nobbli mill-proprjeta` annessa ma` dak it-titolu (artikolu 28(2) tal-Kap. 251). Kwindi, kif jinghad fil-ktieb imsemmi ta` van Dijk and van Hoof, (ibid pagna 620), *"The basic point of departure appears to be the economic value of the right or interest: where State measures do no affect this economic value, no responsibility under Article 1 is engaged"*.

Fil-fatt, il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza "Pilar de la Cierva Osorio de Moscoso et vs Spain", deciza fit-28 ta` Ottubru, 1999, kienet osservat b`mod car li *"a nobility title cannot, as such, be regarded as amounting to a 'possession' within the meaning of that provision"*, cioe`, l-ewwel artikolu tal-ewwel protocol tal-Konvenzjoni.

Kwindi, peress li din il-Qorti tara li, fil-limiti ta` dak li ntqal qabel, ir-rikorrenti mill-bidunett kellu *"a right to a court"* ghall-istharrig gudizzjarju tad-decizjoni moghtija fil-konfront tieghu mill-Kumitat tal-Privileggi tan-Nobbilita` ta`

Malta, ma tistax tilqa t-talba tar-rikorrenti li hu qed jigi mcahhad mid-dritt ta` rikors ghall-Qrati. Sa fejn jista` jippretendi aktar minn hekk, ir-rikorrent mhux intitolat ghalihom.

Ghal kull buon fini, fil-kuntest tal-eccezzjoni preliminari tal-intimat, rigward l-isem tar-rikorrenti, kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Vella et vs Galea et", deciza fit-23 ta` Ottubru, 1991, *"Jean jew John Mifsud u Jean Missud – huma l-istess persuna. Dan ifisser li l-istess persuna hija deskritta b`modi differenti, imma fuq l-identita` taghha ma hemm assolutament ebda dubju ragjonevoli. Issa daqstant iehor huwa car, ovvju u minghajr ombra ta` dubju li huma persuni li jakkwistaw drittijiet u ghandhom obbligazzjonijiet, u li l-ismijiet u l-kunjomijiet iservu biex il-persuni jigu identifikati u distinti minn persuna ohra"* (sottolinear ta` din il-Qorti).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra tieghu.

IMHALLEF

DEP/REG

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------